**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Josephine Mifsud

vs

Diamonds International Malta Limited

CCT 19/18/MS

9 ta' Jannar 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Frar 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' elf Euro (€1,000), prezz ta' arlogg mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema arlogg ma ffunzjonax kif suppost.

Ra illi minkejja li s-socjeta' intimata giet notifikata ma dahlet l-ebda risposta, ghad illi rapprezentant taghha deher quddiem dan it-Tribunal fejn saru ukoll sottomissjonijiet.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fit-12 ta' Awwissu 2017 ir-rikorrenti xtrat arlogg tad-ditta Maurice Lacroix minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' elf Euro sabiex jinghata bhala rigal lil Francis Mifsud. L-ghada gie nnutat li l-arlogg ma kienx qed jahdem sew. Fis-16 ta' Awwissu 2017 l-arlogg ittiehed ghand is-socjeta' intimata fejn il-manager Dorian Bimbli, wara li spezzjona l-arlogg infurmahom illi labra fuq il-genb ma kenitx maghluqa sew. Il-garanzija giet miftuha dik il-gurnata u l-arlogg ittiehed lura. Ftit jiem wara, fid-19 ta' Awwissu 2017 Francis Mifsud irrejalizza li l-arlogg xorta ma kienx qed jahdem sew. L-arlogg pero' inzamm fejn il-hin gie aggustat sabiex jigi mqabbel ma' arloggi ohra. Sfortunatament l-arlogg ma zammx hin tajjeb. Fl-ahhar ta' Awwissu/ bidu ta' Settembru l-arlogg rega' ttiehed ghand is-socjeta' intimata fejn inzamm ghal gimghatjen. Wara dan il-perjodu l-arlogg ingabar fejn it-*technician* infurmahom li ma sab ebda hsara. Dan pero' ma kienx il-kaz ghax meta l-arlogg rega' beda jintlibes, il-hin ma kienx qed jinzamm kif

suppost. Fit-28 ta' Ottubru, l-arlogg ittiehed ghand is-socjeta' intimata u thalla f'idejn is-sur Bimbli. Fis-16 ta' Novembru gew infurmati minghand is-socjeta' intimata illi l-arlogg verament kien difettuz u l-mekkanizmu kollu kellu jigi mibdul. Ir-rikorrenti ma reditx li ssir it-tiswija peress illi dehrilha illi kellha dritt jew tiehu arlogg gdid jew tiehu *refund*. Fid-29 ta' Novembru Dorian Bimbli infurma lir-rikorrenti illi l-arlogg ma kienx aktar *in production* u setghu minflok joffru *credit note*. Ir-rikorrenti rrifjutat din l-offerta. Is-sur Bimbli pero' infurmahom, illi ma setax jaghti *cash refund* skond it-termini tal-garanzija. Peress illi ma sarx qbil, ir-rikorrenti ntavolat din l-istanza.

Ikkunsidra

Illi jidher illi dawn il-fatti fuq esposti mhumiex qeghdin jigu kontestati mis-socjeta' intimata. L-argument tas-socjeta' intimata kien li ladarba l-produzzjoni ta' dak l-arlogg partikolari gie mwaqqaf u ghalhekk ma setax jigi mibdul, hija ghamlet id-dover taghha meta offried illi tbiddel il-makkinajru u fin-nuqqas toffri *credit note*. Skond is-socjeta' intimata, din l-offerta hija skond il-kondizzjonijiet tal-garanzija.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' dan l-ahhar dokument, peress illi l-kondizzjonijiet tal-garanzija ma gewx esebiti f'dawn l-atti, pero' anke kieku, jibqa' l-fatt li l-arlogg kien difettuz u ghalhekk affett minn difett latenti li minhabba fih ma kienx tajjeb ghall-uzu li kien intenzjonat. Dan kien jintitola lil rikorrenti titlob ghar-risoluzzjoni tal-bejgh.

Meta tnejn minn nies jidhlu f'negozju ta' bejgh u xiri, l-obbligu tal-bejjiegh huwa li jipprovdi l-oggett miftiehem f'kundizzjoni tajjeb minghajr ebda difett u ta' dan jigarantixxi l-bejgh, skond it-termini statutorji. Min-naha l-ohra l-obbligu tax-xerrej huwa li jhallas il-prezz miftiehem u jircievi l-oggett. F'dan il-kaz ir-rikorrenti qdiet l-obbligazzjonijiet legali taghha izda l-bejjiegh naqas minn dawn l-obbligazzjonijiet meta pprovda oggett difettuz u li ma kienx tajjeb ghall-uzu li kien intenzjonat. L-argument tas-socjeta' intimata illi l-obbligazzjonijiet taghha huma sodisfatti billi tipprovdu *credit note,* ma jreggix fil-kamp legali. Ix-xerrej ghandu dritt illi ma jaccettax din l-offerta u jitlob ir-risoluzzjoni tal-bejgh u jinghata lura l-prezz kollu li jkun hallas. L-offerta l-ohra tas-socjeta' intimata illi jbiddlu l-mekkanizmu ukoll ma tissodisfax il-kwezit tal-ligi. Ir-rikorrenti hallset elf euro ghal dan l-arlogg parikolari u bil-bdil tal-mekkanizmu l-valur tal-arlogg jaqa' konsiderovelment u jibqa' dejjem arlogg imbaghbas.

Ghalhekk ir-rikorrenti ghandha ragun f'din l-istanza li titlob lura l-prezz tal-bejgh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondilha s-somma ta' elf Euro (€1,000). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru